MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 73/2009

**Aaron Farrugia**

**vs**

**Anthony Buhagiar f'ismu proprju bhala esercenti**

**in-negozju taht l-isem *Aquarius Woodworks***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-26 ta’ Jannar, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1 Illi hu kien gie impjegat mill-intimat bhala *labourer* f’Ottubru, 1996, u tqabbad jaghmel xoghol ta’ mastrudaxxa;

1.2 Illi fis-7 ta’ Novembru, 1997, waqt li kien qed jahdem fuq magna safà korrut b’mod gravi f’subghajh ta’ idu u sofra dizabilità permanenti;

1.3 Illi l-incident *de quo* sehh esklussivament minhabba tortijiet imputabbli lill-intimat kif già irrizulta b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Sede Kriminali) datata s-26 ta’ Mejju, 2006;

1.4 Illi minkejja li l-intimat kien gie interpellat diversi drabi biex jersaq bonarjament ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, baqà inadempjenti u ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;

1.5 Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunità jghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli tal-incident fuq imsemmi datat is-7 ta’ Novembru, 1997;

1.5.2. Tillikwida, occorrendo bin-nomina ta’ periti, id-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.5.3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti id-danni hekk likwidati;

1.5.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

2.0 Rat ir-risposta datata t-3 ta' Marzu, 2009, li permezz taghha irrisponda sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi mhux minnu li l-incident in dizamina sehh unikament htija tal-intimat, billi l-istess rikorrenti ikkontribwixxa ghall-istess;

2.2. Illi r-rikorrenti ma sofra l-ebda debilità permanenti li tiggustifika r-risarciment pretiz;

3. Rat in-nota tar-rikorrenti datata l-10 ta' Marzu, 2009, (ara foll 11), li *ai termini* tad-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-28 ta' Jannar, 2009, (ara foll 4), indika dak minnu rikjest;

4.0. Rat id-digriet taghha wkoll diversament preseduta datat il-25 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu innominat lis-segwenti hemm indikati;

4.1. Espert mediku; u

4.2. Assistent gudizzjarju, (ara foll 17);

5. Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku fuq già riferit mahlufa fit-2 ta' Marzu, 2010, u inserita fl-atti fl-24 ta' Mejju, 2011, (ara foll 94);

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-4 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalità hemm indikata, (ara foll 114), u kif sussegwentement estiza b'digrieti ulterjuri datati is-16

t'Ottubru, 2012, (ara foll 115), u l-21 ta' Jannar, 2013, (ara foll 116);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata it-3 ta' Mejju, 2013, (ara foll 118), u dik tal-intimat datata l-15 t'Ottubru, 2013, (ara foll 125), awtorizzata mill-istess qorti diversament preseduta wara digriet ulterjuri fir-rigward, (ara foll 123), flimkien ma dik datata it-2 t'Ottubru, 2014, (ara foll 136);

8. Rat in-nota ulterjuri tar-rikorrenti datata l-10 ta' Settembru, 2014, (ara foll 133);

9. Rat l-ordni ta' trasferiment ta' kawzi datat it-13 ta' Frar, 2014, li permez tieghu din il-kawza giet trasferita f'dan l-istadju quddiem din il-qorti kif issa preseduta, (ara foll 129);

10. Ezaminat id-dokumentazzjoni kollha *in atti*;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz odjern jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi l-incident in dizamina sehh waqt li r-rikorrenti kien qieghed jahdem fuq magna jaqtà l-injam;

11.2. Illi r-rikorrenti kien impjegat bhala *labourer* ma' l-intimat u kien ghad biss kellu zbaghtax (17) il-sena, (ara foll 60);

11.3. Illi t-tip ta' magna li r-rikorrenti kien qed jahdem fuqha kienet tat-tip *circular saw*, (ara foll 60);

11.4. Illi skont ir-rapprezentant legali ta' l-Awtorità tas-Sahha u 'Sigurta' fuq ix-xoghol jghid li l-mod sigur li jidher li wiehed ghandu jhaddem din il-magna hu:

> "... billi ddawwar u ttellà kemm ghandek bzonn", (ara foll 60),

11.5. Illi mill-investigazzjoni tal-istess ufficjal rapprezentant l-imsemmija Awtorità irrizulta minflok, li ix-xoghol fuq din il-magna kien qed isir billi:

> "... jimbuttaw l-injama kontra is-sega u allura jkun hemm ic-cans li din taqbadlek l-injama kif gara u jew tisparahielek b'lura jew b'xi mod jew iehor tweggghek", (ara foll 60);

11.6. Illi l-istess ufficjal fuq indikat jemfasizza wkoll li meta persuna tkun ghada minorenni, (taht it-tmintax (18) –il sena), l-istess ligi dwar is-Sahha u Sigurtà fuq il-post tax-xoghol tistipula li jrid ikun hemm preparazzjoni u tahrig sufficjenti oltre supervizjoni, waqt li l-minuri jkun qieghed jopera tali magna, (ara foll 60);

11.7. Illi l-istess ufficjal ikkonkluda li mill-investigazzjoni tieghu irrizulta li fil-kaz in dizamina ma kienx hemm supervizjoni tajba u li l-prattika hemm uzata ma kienitx *safe*, (ara foll 60);

11.8. Illi in effetti, fil-hin tal-incident l-intimat Buhagiar li kien ihaddem lir-rikorrenti, ma kienx hdejh; (ara foll 60);

11.9. Illi l-istess ufficjal isostni li l-intimat Buhagiar kien biss wera lir-rikorrenti kif jaqtà l-injam "u hallieh wahdu", (ara foll 60);

11.10. Illi *di più*, meta l-magna giet spezzjonata wara l-incident irrizulta li kienet minghajr *"guard"*, (ara foll 60);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi sussegwentement ghall-procedura kriminali li ittiehdet kontra l-intimat minhabba l-incident in dizamina, l-espert hemm nominat irrelata sintetikament bil-mod segwenti:

12.1. Illi l-incident in dizamina sehh fis-7 ta' Novembru, 1999, meta r-rikorrenti kien qieghed jaqtà injama ta' kwalità iebsa – *"American Oak"* – billi l-injama titnizzel fuq il-lupa ddur u mizmuma u kkontrollata fuq l-idejn, (ara foll 30 u 31);

12.2. Illi l-espert tekniku nominat ghamel is-segwenti riflessjonijiet;

12.2.1. Illi l-lupa li fuqha sehh l-incident in dizamina ma kienitx intiza biex tithaddem bil-mod riskontrat "fejn is-sahha tal-idejn riedet tintuza biex triegi xoghol ghal fuq il-lupa", (ara foll 32);

12.2.2. Illi x-xoghol li kien qed isir fuqha kien jirrikjedi li "jinhadem *'jig'* b'irpar adegwat biex jipprotegi lill-haddiem", (ara foll 32);

12.2.3. Illi x-xoghol li kien qieghed isir fuq l-imsemmija magna kien wiehed specjalizzat u jirrikjedi snin t'esperjenza, (ara foll 32);

12.2.4. Illi *di più*, gie osservat li l-magna in dizamina kellha irpar maqlugh, u mnehhi, (ara foll 32);

12.2.5. Illi l-istess magna kellha wkoll sikkina nieqsa, (ara foll 32);

12.2.6. Illi n-nuqqasijiet riskontrati hawn riprodotti ikkontribwew ghall-incident;

12.2.7. Illi l-incident in dizamina ma' kienx isehh kieku gew segwiti ir-regoli bazici ta' prudenza, (ara foll 33);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi skont ir-rikorrenti l-incident in dizamina sehh bil-mod segwenti:

13.1. Illi tghallem is-sengha ta' mastrudaxxa fl-iskola ta' San Guzepp, il-Marsa, fejn tghallem fuq l-ghodda ta' l-idejn biss u mhux fuq il-magni, (ara foll 21);

13.2. Illi f'Ottubru, 1996, meta r-rikorrenti kien ghadu ta' sbatax (17) -il sena, gie impjegat mal-intimat fil-fabbrika li kellu f'Hal Luqa bl-isem ta' *"Aquarius Woodworks"*, (ara foll 21);

13.3. Illi wara li telaq impjegat partikolari l-intimat talab lir-rikorrenti jekk riedx jibda jahdem fuq il-magni u r-rikorrenti accetta, (ara foll 22);

13.4. Illi jidher li l-intimat kien juri lir-rikorrenti kif kellu jahdem fuq il-magni (ara foll 22);

13.5. Illi "... kien wara l-incident li qaluli li l-magna li jien weggajt fuqha, cioè din il-lupa, ma kelliex il-*"guards"*, (ara foll 22);

13.6. Illi r-rikorrenti dam madwar hames xhur jahdem fuq il-magna in dizamina jaqtà injam irqieq bl-intimat gieli jkun mieghu u gieli jhallieh wahdu, (ara foll 22);

13.7. Illi proprju fil-gurnata tal-incident *de quo*, is-7 ta' Novembru, 1997, li l-intimat staqsa lir-rikorrenti jekk riedx jitghallem jaqtà

injam *solid*, (ara foll 22), billi jaqta` l-injama minn pulzier u nofs minn tarf sa pulzier u nofs minn tarf iehor;

13.8. Illi dan ix-xoghol kien jirrikjedi lir-rikorrenti li jzomm l-injama fuq idu mghollija biex jahdem bi precizjoni, (ara foll 22);

13.9. Illi wara li l-intimat hareg hdejn il-bieb ta' barra ir-rikorrenti ipprova jaghmel dan l-istess xoghol wahdu izda sehh l-incident *de quo* billi l-lupa barmitlu l-injama, qatatlu r-rabà subgha barra, u missitlu parti mit-tielet subgha t'jdejh ix-xellugija, (ara foll 22);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi skont l-espert mediku nominat ir-relazzjoni tal-istess sintetikament tirrileva is-segwenti:

14.1. Illi l-lupa qatghet parti mis-subgha tac-curkett ta' l-id ix-xellugija fil-livell tal-*"middle phalanx"* u b'hekk ikkagunat *"compound fracture"* tal-istess, (ara foll 90);

14.2. Illi kien hemm ukoll ticrita fuq il-parti ulnari tas-subgha tan-nofs t'id ix-xellugija tal-istess rikorrenti, (ara foll 97);

14.3. Illi r-rikorrenti regà beda jahdem tlett (3) xhur wara l-incident ghalkemm regà hareg bis-*“sick leave”* ghal sitt (6) gimghat ohra, (ara foll 97);

14.4. Illi wara li ghadda l-perjodu kollu indikat fil-paragrafu precedenti, ir-rikorrenti regà beda jahdem ta’ mastrudaxxa fil-fabbrika, (ara foll 97);

14.5. Illi peress li t-tarf tas-subgha tac-curkett t’id ix-xellugija tar-rikorrenti baqà imghawweg, gie offrut operazzjoni li però irrifjutha, (ara foll 97);

14.6. Illi b’rizultat tal-istess incident ir-rikorrenti jibqà b’nuqqas ta’ hass ghal labra fit-tarf tas-subgha tan-nofs t’idejh ix-xellugija u jkollu wkoll nuqqas ta’ moviment fit-tarf tal-gog tas-subgha tac-curkett tal-istess id, (ara foll 99);

14.7. Illi r-rikorrenti ghandu diffikultà juza l-imsemmi subgha, (ara foll 99);

14.8. Illi l-elementi fuq sintetikament esposti joholqu dizabilità permanenti fir-rikorrenti, (ara foll 99), u allura ma jistax igawdi l-movimenti normali li kellu qabel l-incident, (ara foll 99);

14.9. Illi l-espert mediku finalment ivvaluta li l-istat ta’ dizabilità hekk sofferta mir-rikorrenti hi ta’ tnejn fil-mija, (2%), (ara foll 100);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi tenut kont tal-fatti riskontrati kif fuq elenkati jirrizulta sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi fil-hin tal-incident ir-rikorrenti kien minorenni;

15.2. Illi r-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol jirrikjedu li fil-kaz ta' minorenni li jitpoggew jahdmu fuq magna bhal dik in dizamina dawn ghandhom:

15.2.1. Jinghataw tahrig sufficjenti; u

15.2.2. Ikollhom supervizjoni kostanti;

15.3. Illi z-zewg rekwiziti statutorjament imposti u indikati fil-paragrafu precedenti ma jirrizultawx li inghataw lir-rikorrenti mill-intimat *stante* li kienu necessarjament rikjesti kemm imhabba n-nuqqas t'esperjenza fl-operat partikulari in dizamina, u minhabba li kien ukoll ghadu minorenni;

15.4. Illi fil-hin tal-incident jirrizulta li l-magna li r-rikorrenti kien qieghed jahdem fuqha ma kelliex l-irpar rikjest biex jipprotegi lil minn ikun qieghed ihaddimha;

15.5. Illi *di più*, ix-xoghol li r-rikorrenti tqabbad jaghmel kien wiehed specjalizzat li kien jirrikjedi snin t'esperjenza qabel ma jkun jistà jigi intrapriz – haga li r-rikorrenti ma kellux;

15.6. Illi jirrizulta assodat li oltre li l-magna in dizamina ma kelliex l-irpar necessarju ghall-protezzjoni tal-utent, kellha wkoll xi partijiet ohra nieqsa;

15.7. Illi l-prudenza rikjesta fl-operat in dizamina irrizulta li kien ghal kollox karenti;

15.8. Illi tenut kont tal-fatt li l-intimat kien is-sid tal-impjant fejn ir-rikorrenti kien impjegat u kien ukoll operatur ta' esperjenza fil-qasam involut, ir-responsabbilità hi kollha kemm hi fuq l-istess intimat;

15.9. Illi gie stabbilit li r-rikorrenti sofra dizabilità permanenti ta' tnejn fil-mija, (2%), kagun tal-incident in dizamina;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi rigward id-danni rikjamati mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi fid-data tal-incident ir-rikorrenti kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax (18) -il sena, (ara foll 25);

16.2. Illi tenut kont tal-fatt li l-età pensjonabbli tar-rikorrenti ghandha tkun dik ta' hamsa u sittin (65) sena, il-perjodu relattiv li fuqu ghandhu jinhadem il-multiplikand hawn involut hu dak ta' mhux aktar minn hamsa u tletin (35) sena, u dan a bazi tad-decizjoni tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili datata l-11 ta' Frar, 2011, fl-ismijiet Ronnie Pace vs George Camilleri** kif citata mill-istess abbli rapprezentant legali tal-intimat, (ara foll 126);

16.3. Illi *di più*, ghandu wkoll jigi rilevat li l-*"pay slip"* ipprezentata in atti mir-rikorrenti tirreferi ghal perjodu ferm wara l-incident in dizamina u ghalhekk din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tiskartha *stante* li irrilevanti, (ara foll 28);

16.4. Illi in konsegwenza tal-karenza riskontrata fil-paragrafu precedenti din il-qorti thoss li m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li *"arbitrio boni vir"* tistabbilixxi hi stess il-bazi salarjari tar-rikorrenti fil-mument tal-incident *stante* li tul il-procedura odjerna l-istess rikorrenti ma jirrizultax li stabbilieh;

16.5. Illi f'dan is-sens tiddikjara li qed tistabbilixxi li s-salarju mensili medju involut fil-konfront tar-rikorrenti hu ta' tmin mitt Ewro, (€800.00);

16.6. Illi *ai termini* tas-sentenza fl-ismijiet **Caruana vs Falzon tal-Qorti ta' l-Appell, deciza l-5 t'Ottubru, 2001**, rilevata mill-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, (ara foll 122), jigi stabbilit li gialadarba ghadda perjodu konsiderevoli ta' zmien mid-data tal-incident sar risoluzzjoni tal-kaz, (sbghatax (17) -il sena), allura m'ghandu jkun hemm ebda riduzzjoni fil-*"lump sum payment"* involut;

Ikkunsidrat:

17. Illi in vista tas-suespost tistabbilixxi li d-danni sofferti mir-rikorrenti kagun tal-istess incident huma kwantifikabbli komplessivament fl-ammont ta' sitt elef sebgha mija u ghoxrin Ewro, (€6,720.00), mahduma bil-mod segwenti:

€800 x 12 il-xahar x 35 sena x 2% dizabilita` = €6,720.00;

**DECIDE:**

18.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti Aaron Farrugia ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u ghalhekk, filwaqt li tirrespingi r-risposta guramentata tal-intimat Anthony Buhagiar *proprio et nomine*, takkolji it-talbiet kollha tal-imsemmi rikorrenti u konsegwentement:

18.1. Tiddikjara lill-intimat fuq riferit unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li sehh fis-7 ta' Novembru, 1997;

18.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' sitt elef, sebgha mija u ghoxrin Ewro, (€6,720.00);

18.3. Tikkundanna lill-intimat fuq indikat biex ihallas lir-rikorrenti fuq ukoll indikat l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti;

18.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmi intimat Anthony Buhagiar *proprio et nominè*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------